# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' FRAR 2001**

**Avviz Nru 1096/98DM**

**Irene Borg u ghal kull interess li jista jkollu Carmel Borg**

**Vs**

**Joseph u Rose Farrugia**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu in linea ta danni s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) talli pprovokaw proceduri penali fil-konfront tal-attrici u dan b'qerq jew bi htija meta ma kienet tezisti l-ebda raguni ghat-tehed ta' proceduri bhal dawn, konkjuzi finalment bil-

liberazjoni tal-istanti bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta- bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 1998;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizjarju tal-31 ta' Ottubru 1997 u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 1998 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi qabel xejn, l-attur irid jipprova li ghandu interess guridiku jagixxi f'din il-kawza;
2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju tal premess, l-azzjoni hija infondata billi kuntrarjament ghal dak li allegaw l-atturi, ma kienx hemm qerq jew htija meta l-esponenti kellhom konsult legali li fid-deposizzjonijiet konfliggenti kien jinkwadra ir-reat ta' spergur.
3. Illi l-azzjoni kriminali hija eminentement u eskluzivament tal-Pulizija, li investigaw, u istitwew il-proceduri kriminali fuq ordni mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Salvatore Demicoli tat-22 ta' April 1997, u b'konsultazzjoni mal-Avukat tar-Repubblika.
4. Illi effettivament il-proceduri gew provokati mill-attrici li quddiem il-Qorti ta' l-Appell

Kriminali preseduta mill-Imhallef Dr Vincent Degaetano halfet mod, u wara, fi proceduri kriminali ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) halfet il-maqlub fuq l-istess fatt ghalkemm kienet imwissija dwar id-deposizzjoni taghha precedenti.

5. Illi l-esponenti ma jirrispondux ghal nuqqas ta' l-Awtoritajiet, li gew censurati mill-Qorti li lliberat lill-attrici ghax ma sabitx provi bizzejjed, u li wassal ghal din il-kawza;

Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, id-domanda tal-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat id-degriet taghha tad-29 ta' Jannar 1999 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) -v- Irene Borg" deciza minn din il-Qorti bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fit-18 ta Frar 1998.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta Jannar 1999 fejn l-attrici ghamlet riferenza ghall-provi kollha prodotti fl-isemmija kawza kriminali bhala provi taghha f'din il-kawza.

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 1999 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-process tar-rikors fl-ismijiet "Joseph Farrugia et vs Kummissarju tal-Pulizija" deciz fit-22

ta' April 1997 minn din il-Qorti bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni .

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process u tal-processi allegati; u

Ikkunsidrat:-

Illi s-somma ta LM150 li l-atturi qed jitolbu minn ghand il-konvenuti bhala risarciment tad-danni minnhom sofferti jikkonsistu esklussivament fl-ispejjes minnhom sofferti ghall-assistenza legali fil-proceduri kriminali kontra l-attrici Irene Borg decizi fit-18 ta Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) -v- Irene Borg".

Din l-ispiza hija ampjament ippruvata kemm mill-kopja tac-cheque a fol.27 tal-process, il-kont tal-Avukat Dr. Philip Sciberras a fol. 33 u d-deposizzjonjijiet tal-atturi.

L-atturi jsosstnu li ghandhom jirrispondu l-konvenuti ghal dawn id-danni minhabba li kienu huma li pprovokaw il-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attrici, Irene Borg, kemm bir-rapport dwar spergur lill-

Pulizija segwit bir-rikors a tenur tal-Artikolu 541 tal-Kap. 9 kemm ukoll biz-zelu mostrat matul il-proceduri.

Izda dan l-agir wahdu, stante li huwa ezercizzju ta drittijiet sanciti mill-Kodici Kriminali, ma jistghax jesponi lill-konvenuti ghad-danni sakemm ma jigix ippruvat li f'dak l-agir huma kienu uzaw xi forma ta qerq jew jista jkun attribwit lilhom xi delitt jew kwasi-delitt.

Mill-provi prodotti jirrizulta biss li l-konvenuti ippresentaw lill-Awtorita' zewg brani ta sunt ta zewg deposizzjonijiet moghtija mill-attrici u ppretendew li dawn jammontaw ghal spergur, waqt li f'din il-konkluzzjoni taghhom kienu konfortati minn pariri tal-Avukat ta fiducja taghhom.

Jirrizulta ukoll illi l-brani citati mill-istess konvenuti fir-rapport u rikors taghhom kienu estratti fidili tad-deposizzjonijiet tal-istess attrici u ghalhekk tali riferenza wahedha m'hiex imtebba b'xi qerq jew nuqqas iehor.

Dwar il-konkluzzjoni li waslu ghaliha l-konvenuti minn dawn iz-zewg brani u dak li ppretendew li ghandhom imexxu l-Pulizija ghandhu jinghad li ftit ghandhu rilevanza ghal dan il-kaz, billi kienet x'kienet il-konkluzzjoni u l-pretensjoni taghhom, dawn qatt ma

setghu kienu determinanti fid-decizjoni tal-Awtorita' kompetenti dwar jekk ghandhomx jittiehdu proceduri 'ex ufficio' fil-konfront tal-attrici.

Ir-responsabilita' esklussiva ghall-proceduri 'ex ufficio' li jistghu jittiehdu mill-Pulizija hija biss taghhom sakemm ma jigux imqarrqa minn fatti inveritieri li ma setghux jinvestigaw u jaccertaw qabel dawn il-proceduri.

Inoltre, f'dan il-kaz, il-fatti bazi tal-akkuza gew ukoll ippresentati quddiem il-Qorti kompetenti li, kienu x'kienu il-premessi, waslet biex "***tilqa t-talba tar-rikorrenti a terminu tal-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta u tordna lill-Pulizija biex tmexxi bil-procedura mehtiega***" minflok astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ipprezentat quddiema mill-konvenuti.

Dan id-degriet infatti jtaffi ukoll xi ftit mir-responsabilita' tal-Pulizija billi rabathom (u lill-Avukat Generali) mad-dikjarazzjoni li kienu ghamlu fl-atti ta dak ir-rikors minghajr pero' ma jaffettwa il-konkluzzjonijiet u osservazzjonijiet precisi tal-Qorti fis-sentenza taghha tat-18 ta Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) -v- Irene Borg".

Dik l-istess Qorti ma sabet xejn li jirrazenta l-qerq fl-espozizzjoni tal-fatti quddiema, izda sabet nuqqasijiet fl-apprezzament ta dawk il-fatti minn min kien obbligat li jghamlu.

Zgur li ma kienux il-konvenuti obbligati, jew almenu awtorizzati, li jiehdu xi decizjoni influwenti dwar l-apprezzament tal-provi u r-rilevanza tal-imsemmija brani ta xhieda, u ghalhekk ma jista' jkollhom ebda responsabilita' dwar il-falliment tal-proceduri istitwiti mill-Awtorita' kompetenti.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Dwar l-ispejjez, stante in-natura delikata tal-kwistjoni u l-ezigenzi tal-ekwita', tordna li dawn jibqghu bla taxxa.

Magistrat Dr D Montebello BALLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 25